MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 898/2003

**Saviour Cutajar**

**vs**

**Dr Mark A. Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' elf tlett mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm1349) rappresentanti bilanc tal-prezz ta' xogholijiet esewgiti minnu fuq inkarigu tal-konvenut fil-fond ossia penthouse 36, is-Sur Santa Barbara, Valletta, izda mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fit-28 ta' Mejju 2005, fejn huwa eccepixxa illi t-talba attrici hija kontestata stante illi x-xoghol in kwistjoni fil-penthouse bin-numru 36, St. Barbara Bastion, Valletta ma sarx skond is-sengha u l-arti kif ser jigi ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub fit-talba kien gie ridott bi ftehim bejn il-partijiet.

Ra il-kontro-talba imressqa mill-konvenut mar-risposta tieghu fejn inghad illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur naqas milli jezegwixxi x-xoghol skond is-sengha u l-arti, tant illi l-konvenut kellu jassumi nies godda biex ikomplu u jispiccaw ix-xogholijiet li suppost gew esegwieti mill-attur rikonvenzjonat. L-ammont mitlub mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu hija ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1200).

Ra r-risposta ta'l-attur ghat-talba rikonvenzjonali imressqa mill-konvenut ipprezentata fl-20 ta' Gunju 2003 fejn gie eccepiet illi l-kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hemm l-ebda talba la ghal kundanna ta' responsabbilta u/jew ta' xi hlas izda biss eccezzjoni ghat-talba ta'l-attur rikonvenut. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Sema' x-xhieda ta'l-attur, u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Mill-provi prodotti irrizulta illi l-attur kien gie inkarigat mill-konvenut sabiex jibnielu *penthouse* fuq il-proprjeta tieghu li kienet tinsab gewwa St. Barbara's Bastions, l-Belt Valletta, u dana skond ftehim esebit bhala Dokument KA1 a fol.49 tal-process. Jirrizulta illi dana ix-xoghol kien tlesta u l-attur thallas ghall-istess mill-konvenut. Xi zmien wara l-konvenut kien rega' inkariga lill-attur sabiex jaghmel xi xoghol iehor strutturali liema xogholijiet huma

ndikati fid-Dokument SC1 esebit mill-attur a fol.21 tal-process.

Wara li l-attur kien lesta dawn ix-xogholijiet, l-konvenut beda iressaq  ailmenti u ghalhekk l-prezz mitlub mill-attur ta’ Lm4449 ghal dawn ix-xogholijiet ma thallasx fl-intier tieghu mill-konvenut. Hemm qbil bejn il-partijiet fil-fatt illi l-konvenut b’kollox hallas l-ammont ta’ Lm3100, izda filwaqt illi l-attur ghadu qieghed jippretendi l-hlas tal-bilanc u cioe’ ta’l-ammont ta’ Lm1349, l-konvenut min-naha tieghu qieghed jikkontesta dana u qieghed isostni illi fl-ewwel lok dana il-bilanc ma ghadux dovut minhabba li x-xoghol ma giex esegwiet skond is-sengha u l-arti u li inoltre kien hemm ftehim bejn il-partijiet illi huwa kellu ihallas lill-attur l-ammont ta’ Lm3100 ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha li kellu l-attur.

Il-konvenut min-naha tieghu jikkontendi illi kellu jinkariga xi nies ohra sabiex jesegwixxu x-xogholijiet rimedjali u ghalhekk inkorra fi spiza ulterjuri minhabba f’dana l-fatt u f’dan ir-rigward huwa ressaq il-kontro-talba tieghu.

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi min jallega ghandu l-piz tal-prova fuq spallejh u ghalhekk kien jispetta lill-konvenut illi jipprova dak allegat minnu, haga illi huwa naqas li jaghmel f’dawn il-proceduri. Fl-ewwel lok ghalkemm jidher illi l-ilment principali li kellu l-konvenut kien jirrigwarda l-kostruzzjoni tal-*fireplace* u l-unvjar tac-cangatura, madanakollu matul il-kors tax-xhieda tieghu huwa beda iressaq ilmenti ohra fosthom illi l-prezzijiet indikati mill-attur fid-Dokument SC1 kienu eccessivi, kif ukoll illi xi xoghol li jidher elenkat f’dana id-dokument kienu diga saru fl-appalt orginali u ghalhekk jinsabu imhallsa. Illi dawna l-ilmenti, madanakollu, ma jinkwadrawx rwiehom fl-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut. Ghalkemm huwa jecepixxi illi kien jezisti ftehim bejn il-partijiet fejn l-prezz gie ridott, pero’ ma jindikax ir-raguni ‘il ghala din saret. Fi kwalunkwe kaz ma hemm l-ebda prova ohra f’dan ir-rigward ghajr ghax-xhieda tal-konvenut stess, li hija kontradetta minn dak li ighid l-attur fix-xhieda tieghu. Di piu’ mid-Dokument KA1, li jinkorpora il-ftehim orginali bejn il-partijiet ma jirrizulta l-ebda *item* li jidher indikat fid-

Dokument SC1. Illi ghalhekk dawn l-ilmenti ma humiex sufficjentement sostanzjati mill-provi imressqa mill-konvenut u ghalhekk ma humiex ser jigu ikkunsidrati. Fir-rigward tax-xoghol tal-unvjar tac-cangatura, ma jidhirx mid-Dokument SC1, illi l-attur qieghed jitlob il-hlas ghall-istess. F'dan ir-rigward ukoll, ghalkemm l-konvenut jikkontendi illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet illi l-prezz indikat kien jinkorpora anke il-hlas ghax-xoghol ta'l-unvjar, madanakollu l-attur ighid bil-kontra, oltre ghal fatt illi fid-Dokument SC1 jirrizulta illi l-prezz tac-cangantura u il-prezz ghat-tqeghid gew indikati separatament u ghalhekk certament ma jinkorporawx ix-xoghol ta'l-unvjar li ma jidher indikat imkien f'din il-lista.

Illi ghar-rigward ta'l-eccezzjoni illi x-xoghol li sar mill-attur ma giex esegwiet skond is-sengha u l-arti, jirrizulta mill-provi imressqa mill-konvenut, illi l-uniku ilment f'dan ir-rigward kien jikkoncerna biss l-kostruzzjoni tal-*fireplace*. Ma jidhirx illi hemm xi ilment ghar-rigward tax-xoghol l-iehor, hlief li l-prezzijiet huma eccessivi, jew li l-hlas ghalihom kien diga sar fl-appalt originali.

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi irrizulta mix-xhieda stess tal-konvenut illi parti mill-*fireplace* li kien bena l-attur ghadu jezisti sal-lum u li huwa ma kellu xejn x'jilmenta dwar l-estetika ta' dana l-*fireplace*. Huwa jikkontendi illi dana l-*fireplace* kellu jinqala' minhabba l-fatt illi bil-mod kif inbena mill-attur, dana ma setax jithaddem peress illi ma kellux bizzejjed *suction* tal-arja. L-konvenut jikkontendi illi hekk kif rah, huwa mal-ewwel induna illi dana il-*fireplace* ma kienx ser jiffunzjona u anke gab xi esperti sabiex jikkonfermawlu l-istess. Anoe f'dana ir-rigward, l-provi migjuba mill-konvenut huma skarni, stante illi l-unika prova li tezisti illi dana x-xoghol ma giex esegwiet skond is-sengha u l-arti hija x-xhieda tieghu stess. La tressqu l-esperti li huwa semma fil-kors tax-xhieda tieghu li ikkonfermaw dana l-allegat nuqqas ta'l-attur u lanqas biss tressqu l-haddiema li ghamlu x-xogholijiet rimedjali fuq dana il-*fireplace* sabiex jispjegaw n-natura tax-xoghol li gie esegwiet minnhom. It-Tribunal ghalhekk ma jistax jistrieh biss fuq ix-xhieda tal-konvenut f'dan ir-igward, peress illi din hija kwistjoni ta' natura teknika u ghalhekk l-

konvenut messu ressaq provi konvincenti minn nies kompetenti li jikkonfermaw dak allegat minnu. Fuq kollox jidher illi l-konvenut lanqas biss haddem dana il-*fireplace* sabiex jikkonferma illi dana verament ma kienx qieghed jiffunzjona kif suppost, izda ighid illi induna b'dana id-difett b'semplicement daqqa t'ghajn u bil-konferma ta' dawna l-esperti li isimhom lanqas biss johrog mix-xhieda tieghu. Lanqas il-perit li kien qieghed jissorvelja x-xogholijiet ma tressaq bhala xhud ghalkemm l-konvenut kien a konoxxenza tal-fatt illi l-attur kien qieghed jallega illi huwa ghamel dawna ix-xogholijiet skond ma indikalu dana l-perit. Illi ghalhekk l-eccezzjoni sollveta mill-konvenut qed tigi michuda stante illi ma hemmx provi konvincenti u konklussivi dwar dak allegat minnu.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni sollevata minnu u cioe' tal-ftehim bejn il-partijiet illi l-prezz ta' Lm3100 li thallas mill-konvenut kellu ikun wiehed ghas-saldu, ukoll f'dana ir-rigward il-provi huma insufficjenti, ghajr ghal konferma tal-konvenut fix-xhieda tieghu, li hija kontradetta mill-attur. L-konvenut jallega illi ma'l-ahhar pagament ta' Lm125 li sar permezz ta' cekk datat 16 ta' Dicembru 2001 (esebit a fol.27 tal-process), huwa kien nizzel fuq dana ic-cekk l-kliem "*in full and final settlement*", liema kliem madanakollu ma jidhru imkien fuq dana ic-cekk. Meta dana il-fatt gie migjub a konjizzjoni tal-konvenut fil-kors tal-kontro-ezami, huwa imbaghad sostna illi kien baghat bicca karta mac-cekk lill-attur fejn indikalu illi dana il-pagament kien qieghed isir ghas-saldu, izda din il-karta qatt ma ingiebet bhala prova mill-konvenut u lanqas ma gie mitlub jipproducieha l-attur.

Finalment ghar-rigward tal-kontro-talba imressqa mill-konvenut fejn huwa qieghed jitlob minn ghand l-attur l-hlas tas-somma ta' Lm1200, ukoll ma jirrizultawx provi fl-atti processwali in sostenn ta'l-istess u kif l-konvenut wasal ghal din ic-cifra! L-konvenut ma ressaq l-ebda prova kemm bhala xhieda *viva voce* kif ukoll bhala prova dokumentali konsistenti f'ricevuti jew cekkijiet minn fejn jirrizulta illi fil-fatt kienu gew inkarigati in-nies godda li isemmi fil-kontro-talba tieghu jew inkella li huwa effetwa xi pagament lil dawn in-nies ghax-xoghol minnhom

maghmul. Lanqas ir-ricevuta mahruga minn ghand certu Bugeja ghax-xiri ta’ fireplace ma giet prodotta u ghalhekk fin-nuqqas ta’ provi, din il-kontro-talba qed tigi michuda. Fid-dawl ta’ dan, t-Tribunal ma huwiex ser ikompli jitratta l-istess u l-eccezzjonijiet sollevati mill-attur rikonvenzjonat f’dana ir-rigward.

Ghladasqtant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa’ it-talba attrici, jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kif ukoll il-kontro-talba minnu imressqa, stante nuqqas ta’ provi u kwindi ighaddi sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf tlett mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm1349), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, kemm dawk tat-talba principali, kif ukoll dawk tal-kontro-talba imressqa mill-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------